MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 825/2009

**Carmelo Vella**

**(K.I. Numru 319064 M)**

**vs.**

**Stefania Schembri Coleiro**

**Stephanie Coleiro**

**u b'digriet tat-13 t'Awwissu, 2010, l-avukat**

**Dottor Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Liliana**

**Buhagiar gew nominati Kuraturi Deputati biex**

**jirraprezentaw l-eredi incerti ta' Henry Coleiro**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 t’Awwissu, 2009, li permezz tieghu ir-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi feda f’idejn l-intimati Stefania Schembri Coleiro u Henry Coleiro flimkien is-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf disgha mija u tnejn u hamsin Ewro u tmienja u erbghin centezmu, (€27,852.48), meta f’Novembru 2007 talabhom izommuhomlu ghal perjodu qasir;

1.2. Illi wara li l-intimat Henry Coleiro miet tragikament, ir-rikorrenti talab lill-intimata ittieh flusu lura;

1.3. Illi ghalkemm ma nnegatx li l-ammont ta’ flus fuq riferit gie ikkonsenjat lilha, l-istess intimata qed tirrikorri ghal diversi skuzi biex ma tirrifondix l-imsemmi ammont lir-rikorrenti:

1.4. Illi ghalhekk l-intimata qed timmisapproprja ruhha mill-ammont appartenenti lir-rikorrenti;

1.5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti adixxa din il-qorti u talabha:

1.5.1. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, jirrifondu l-ammont fuq gia` referit;

1.5.2. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-13 t'Awwissu, 2010, li permezz taghha l-intimata Stefania Schembri Coleiro irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi r-rikorrenti qatt m'ikkonsenja jew ittrasferixxa xi ammonti ta' flus lill-intimata;

2.3. Illi ghalhekk ma jistax jitlob rifuzjoni t'ammont li qatt m'inghata;

2.4. Illi l-intimata *de quo* qatt ma semghet bi, jew iltaqghet, mar-rikorrenti;

2.5. Illi l-istess intimata semghet bil-vertenza odjerna f'Marzu, 2009, ftit jiem wara il-mewt tragika ta' huha Henry Coleiro meta kienet avvicinata fuq l-istess mir-rikorrenti;

2.6. Illi l-intimata ssostni li dejjem cahdet li nghatat xi flus mir-rikorrenti u anke talbet l-intervent tal-Pulizija fir-rigward;

2.7. Salv eccezzjonijiet ohra;

2.8. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 t'Ottubru, 2010, li permezz taghha l-Kuraturi Deputati nominati sintetikament irrispondew is-segwenti:

3.1. Illi m'humiex edotti mill-fatti;

3.2. Illi jirrizervaw li jintroducu risposti ulterjuri fil-futur;

3.3. Illi ghaldaqstant, jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta' din il-qorti;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datata l-4 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu, inhatret il-perit legali hemm indikata biex tisma` ix-xhieda bil-gurament u bis-soliti fakultajiet involuti, (ara foll 23);

5. Rat id-digriet ulterjuri fir-rigward moghti mill-istess qorti kif indikata fil-paragrafu precedenti datat iz-17 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu ssosstitwiet lill-imsemmija perit legali b'iehor hemm indikata, (ara foll 25);

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati l-5 t'April, 2013, (ara foll 63), u l-1 t'Awwissu, 2013, (ara foll 74);

7. Rat ir-relazzjoni tal-abbli perit legali nominat datata l-11 ta' Frar, 2014, (ara foll 89);

8. Rat id-digriet taghha datata l-24 ta' Gunju, 2014, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli Kuratur Deputat hemm indikat, laqghet it-talba li jinhatru periti perizjuri, (ara foll 105);

9. Rat il-verbal datat is-16 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba appozita ghall-istess, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza fid-data hemm indikata, (ara foll 107);

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti kif elenkati mill-abbli perit legali fuq riferit, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi r-rikorrenti jallega relazzjoni tajba mall-mejjet Henry Coleiro, (ara foll 91);

11.2. Illi allegatament meta r-rikorrenti kellu l-inkwiet mall-mara tieghu f'April, 2007, l-imsemmi Henry offra li jzommulu xi flus biex ma jittihdux minn mart ir-rikorrenti, (ara foll 91);

11.3. Illi allegatament l-istess Henry kien issuggerixxa li l-flus in dizamina zzommhom l-intimata Stefania Schembri Coleiro, (ara foll 91);

11.4. Illi r-rikorrenti jallega li accetta l-parir *de quo*, (ara foll 91);

11.5. Illi r-rikorrenti jallega li ghadda l-flus in dizamina fil-bini tal-*General Workers Union*, il-Belt, fejn l-istess rikorrenti u l-imsemmi Henry kienu jahdmu bhala ufficjali tas-sigurta`, (ara foll 91);

11.6. Illi l-istess rikorrenti jsostni li ghadda l-flus *de quo* fil-prezenza ta’ zewg (2) persuni ohra, (ara foll 91), li jikkonfermaw l-istess konsenja allegata mir-rikorrenti, (ara foll 91);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-intimata fuq riferita ssosstni sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi ssotni li lir-rikorrenti ma tafux, (ara foll 93);

12.2. Illi r-rikorrenti qatt m’ghaddiela flus u qatt ma tkellmu flimkien, (ara foll 93);

12.3. Illi tallega li r-rikorrenti kien cemplilha u talabha ttieh il-flus li kien hemm fis-*safe* tal-branka tal-Fgura tal-*Bank of Valletta*, (ara foll 93);

12.4. Illi *di piu`,* tichad li offriet *speedboat* lir-rikorrenti, liema dghajsa sparixxiet ftit wara li miet huha Henry, (ara foll 93);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-istess abbli espert legali involut jistabilixxi s-segwenti principji:

13.1. Illi l-versjonijiet ipprezentati huma dijametrikament konfliggenti, (ara foll 95);

13.2. Illi *ai termini* tal-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti li jallega jrid jipprova it-talbiet tieghu, (ara foll 95);

13.3. Illi in effetti l-obbligu statutorju riferit fil-paragrafu precedenti li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah hu effettivament riflessjoni felici tal-massima Latina li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*;

13.4. Illi qed issir ampja referenza ghall-kazistika riferita mill-abbli perit legali fir-rigward, u a skans ta' ripetizzjoni inutili, qed titqies li tifforma parti integrali mill-istess sentenza odjerna fir-rigward, (ara foll 95);

Ikkunsidrat:

14. Illi pero` din il-qorti ma’ tistax tavalla l-kumplament tar-relazzjoni *de quo*, specjalment fejn ikkonkludiet li qed tikkundanna lill-Kuraturi Deputati biex ikunu huma li “jirrifondu lura s-somma ta’ €27,952.48, bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza”;

Ikkunsidrat:

15. Illi ghandu jkun pacifiku f’dan ir-rigward li Kuraturi Deputati huma effettivament fil-posizzjoni li jirrapprezentaw persuna jew persuni li ghal xi raguni jew ohra jkollhom il-htiega ta’ rappresentanza;

16. Illi tali Kuraturi ma jistghux jigu imhabba f’hekk akkollati bl-oneru finanzjarju li l-abbli espert legali ghogbu jakkollhom bih *stante* li huma ghal kollox estranei ghar-relazzjonijiet allegati mill-kontendenti;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tirrespingi l-konkluzjonijiet li ghalihom wasal l-abbli espert legali *stante* li logikament insostenibbli;

Ikkunsidrat:

18. Illi mill-bqija jirrizulta li fl-essenzjalita` taghha il-procedura odjerna wasslet biss biex tipprezenta zewg (2) posizzjonijiet kontrastanti li lkoll jirrizultaw ibbazati fuq allegazzjonijiet kontrastanti u konfliggenti;

19. Illi ghalhekk din il-qorti, in vista tas-suespost ma tqisx li r-rikorrenti irnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet minnhu vantati;

**DECIDE:**

20.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu, u ghalhekk, filwaqt li:

20.1. Tirrespingi t-talbiet tieghu;

20.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimati;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Carmelo Vella

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------